MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Numru 603/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur A Farrugia Mamo)**

**vs**

**Emmanuel Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Emmanuel Grech ta’ 65 sena bin il-mejtin Michele u Maria Carmela Calleja imwieled Birkirkara nhar l-1 t’April 1935 u li joqghod St Grech Farmhouse, Triq il-Fortizza Mosta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 289535 M.

Akkuzat:

Illi f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti,li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:
B’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b’qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta’ aktar minn Lm10,000 ghad-dannu tal-konjugi Raymond u Jane Zammit, tal-konjugi David u Maryanne Zammit, Carmelo u Maria Zammit, il-Gvern ta’ Malta u persuni ohra, meta biegh artijiet gewwa Fort Street Mosta, l-artijiet maghrufa bhala Ta Harira, il-Mosta, liema artijiet jappartjenu lil Gvern ta’ Malta u dan bi ksur ta’ l-artikolu 308 u 301(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Li l-imputat miet fil-mori ta’ dawn il-proceduri kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt li gie esebit.

Ghaldaqstant tiddikjara procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------